L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA

5

SECRET - CABINET PAPERS

MINUTI

Laqgha tal-Kabinett Nru 36

Kastilja, 9 ta' Jannar 1980

Prezenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Dom Mintoff | Prim Ministru - Chairman |
| L-Onor Joseph Cassar | Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu |
| L-Onor Agatha Barbara | Ministru ta' l-Ghajnuna Socjali, Xoghol u Kultura |
| L-Onor Lorry Sant | Ministru tax-Xoghlijiet u Sport |
| L-Onor Wistin Abela | Ministru ta' l-Izvilupp, Energija, Port u Telekomunikazzjonijiet |
| L-Onor Patrick Holland | Ministru tal-Kummerc, Industriji u Industriji Parastatali u tal-Poplu |
| L-Onor Freddie Micallef | Ministru tal-Biedja u Sajd |
| L-Onor Danny Cremona | Ministru tat-Turizmu |
| L-Onor Philip Muscat | Ministru ta' l-Edukazzjoni |
| L-Onor Joe Brincat | Ministru tal-Gustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament |

Assenti:

| | |
|---|---|
| L-Onor Vincent Moran | Ministru tas-Sahha u l-Ambjent |

Prezenti wkoll:

Joe Borg G.W.U.
George Agius G.W.U.

Dr Edgar Mizzi
Albert Mizzi
Edmond Micallef

MINUTI

Il-Ministri approvaw il-Minuti tal-Laqgha Nru 35.

2/...

Il-Kabinett iddecieda li fil-fergha tal-Bulk Buying jigu ppustjati mpjegati zghazagh biex jakkwistaw esperjenza u jkunu jistghu isiefru biex ifittxu il-prodotti mehtiega. Il-Ministeru tal-Finanzi u l-Bank Centrali jghinu ghal dan il-ghan.

Fil-kamp tax-xoghol, il-haddiema ghandhom jigu 'deployed' kemm jista jkun biex tizdied il-produzzjoni u ghal dan il-ghan ghandu jittiehed vantagg mis-Servizzi Socjali biex tizdied il-'mobility' tal-haddiema u l-Korpi tax-Xoghol ikunu jistghu jispiccaw sa' l-1 ta' Gunju 1980.

Ghandu jkun hemm incentivi finanzjarji biex haddiema jitilqu l-impieg mal-Gvern fil-waqt li dawk li m'humiex kapaci jaghtu gurnata xoghol, ghandhom jigu "Boarded Out".

Edukazzjoni - Ghandu jkun hemm Universita' wahda b'Rettur wiehed.

Agrikoltura - Il-Ministeru ghandu jzid is-Sigar tal-frott u kemm jista' jkun ghandu jhawwel sigar tal-frott minnflok sigar dekorattivi.

Turizmu - Ghandu jsir sforz biex jigu diversifikati l-'bookings', specjalment mill-Kontinent, biex ipattu ghan-nuqqas ta' bookings mill-Ingilterra.

Gustizzja - L-ghoti tal-Plegg ghandu jkun ristrett kemm jista' jkun u l-Pulizija ghandha zzomm ruhha f'kuntatt mal-Avukat tar-Repubbblika biex dan jopponi l-ghoti tal-Plegg kull fejn ma jkunx gustifikat.

26/3/80

Segretarju tal-Kabinett

Chairman tal-Kabinett

L-ARKIVJI NAZZJONALI TA' MALTA